**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 23 – IT-TNEJN, 31 TA' AWWISSU 2020 FIS-5.50pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier (6.00pm) |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 22

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda, f' paragrafi 6.1. Is-Sur Dominic Cassar talab biex tidħol "u għax qed ikun hemm vetturi jsuqu b'veloċità eċċessiva". Kien hemm qbil fuq din.

1.2 Is-Sinjura Violet Bajada pproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjorina Tania Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 22

2.1 Dwar paragrafu 5.2, is-Sur Dominic Cassar staqsa meta hija d-data tal-appell. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-seduta ser tkun fil-15 ta' Settembru 2020.

2.2 Dwar paragrafu 2.1, is-Sur Dominic Cassar staqsa jekk ittiħdietx azzjoni. Ġie kkonfermat li saret talba lil Cleansing Department.

2.3 Dwar paragrafu 6.1, is-Sur Dominic Cassar ikkumenta li dawn saru minn IM u bil-barka tal-kunsill. Is-Sindku irrisponda li l-Kunsill ma daħalx fiha.

2.4 Dwar paragrafu.1.2, is-Sur Dominic Cassar ilmenta li hemm bżonn li ssir il-bankina fi Triq Salvu Busuttil.

2.5 Dwar paragrafu 6.2, is-Sur Anthony Mifsud Bonnici nforma lill-Kunsill li bagħat ir-ritratti lill-Kunsill.

**3 Pagamenti Numru 24**

3.1 Dwar pagament numru 32, is-Sur Dominic Cassar talab biex ikollu kopja tal-invoice. Il-Kunsill ġie nfurmat li kull kunsillier jista' jieħu kopja ta' kull invoice li tidher fuq l-iskeda tal-pagamenti mill-Uffiċċju tal-Accounts mingħajr ebda problema.

3.1 Is Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Dwar l-armar tal-Milied. Kien hemm stima ta' 8,700 Euro. Ġie innutat li r-Reġjun Ċentru ser jiffinanzja 3000 Euro lil kull lokal. Għalhekk kien hemm qbil li jiġu approvati l-spiża ta' 5000 Euro + VAT għat-tiżjin tal-Milied 2020.

**5 Korrispondenza**

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar l-attività tal-Olive Harvesting mill-għomja. Ġew approvati l-ispejjeż ma' din l-attività. L-ammont ta' 1225 Euro huwa allokat ghal din l-attivita'.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar talba biex issir kiddie train f'Misraħ Lourdes. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta.

5.3 Ġew diskussi l-quotations għal servizz ta' Cleaner għall-uffiċini tal-Kunsill. Kien hemm qbil li tintgħażel l-irħas offerta ta' Mr Clean.

5.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li nfetħet kawża kontra l-Kunsill minn resident fi Triq Wied Għollieqa biex issir kaxxa safra quddiem ir-residenza tiegħu minkejja li m'għandux dritt.

5.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm rakkomandazzjoni mill-Uffiċċju tal-Ombudsman biex issir Keep Clear quddiem residenza privata biex dan ikun jista' joħroġ bir-rota aktar komdu. Il-Kunsill ikkonferma l-pozizzjoni tiegħu kontra din ir-rakkomandazzjoni.

5.5 Kien hemm diskussjoni dwar rapport tal-Interviewing Board għal post ta' Driver mal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħżel lis-Sur Raymond Colombo għal post kif irrakomanda l-Bord.

5.6 Kien hemm qbil li l-FSWS jagħmlu użu mill-Boardroom tal-kunsill fid-29 u t-30 ta' Settembru 2020 biex iqassmu l-ikel lill-familji fil-bżonn.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.40pm.

5.7 Kien hemm diskussoni dwar talba biex il-Kunsill jorganizza attività ta' Għana flimkien mal-Klabb tal-Boċċi bi spiża ta' 951 Euro. Is-Sur Trevor Fenech ippropona li l-Kunsill jorganizza din l-attività flimkien mal-Klabb tal-Boċċi u jivvota l-ammont ta' 951 Euro. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm 4 favur, 1 kontra u wieħed astjena. Is-Sur Dominic Cassar iddikjara li hu kien kontra għax ma qabilx mal-ammont.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sinjura Violet Bajada talbet biex il-Kunsill jagħmel maskri bil-logo tal-Kunsill għall-membri tal-Kunsill u l-istaff. Kien hemm qbil unanimu. Għandha tikkomunika mas-Segretarju Eżekttiv biex dawn isiru. Is-Sinjura Bajada fakkret ukoll li s-servizz tal-Podologist u n-Nurse ser isir fl-4 ta' Settembru 2020.

6.2 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li z-zebra crossing li hemm fil-parti ta' fuq fi Triq Bella Vista hija viċin ħafna tal-kantuniera. Hu talab ukoll biex tiġi rranġata metru bankina fi Triq Sir Luigi Camilleri. Kien hemm qbil fuq din.

6.3 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex isiru MC bays fuq il-bankina wiesa li hemm fi Triq Buganvilla. Ma kienx hemm min jissekonda. Hu lmenta wkoll fi Triq iċ-Ċawsli kantuniera ma' Vjal in-Naspli fejn qed isir ix-xogħol ta' resurfacing, seta' daħal parking ta' karozza oħra. Ġie innutat li l-linja tat-triq baqgħet kif kienet.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2020 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Trevor Fenech** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |